MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1770/2001/1

**Visual & Sound Communications Limited**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru, 2001, li *in forza* taghha wara li esponiet illi:

1. il-Pulizija ghamlet diversi *raids* u elevazzjonijiet ta' kwantita' ta' *Digital Versatile Discs* maghmula minn diversi *outlets* tas-socjeta' attrici partikolarment mill-hwienet f'Tas-Sliema, Manwel Dimech, Valletta, Triq Repubblika, Energy Complex, Bay Street, San Giljan u fil-hanut fl-Ajruport Internazzjonali, fil-Gudja bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru, 2001;

2. F'dawn ir-*raids*, saret l-elevazzjoni ta' madwar elf u hames mitt (1,500) *Digital Versatile Discs* jew DVDs liema DVDs jikkonsistu f'*feature films* u flimkien jiswew madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000);

3. *In segwitu* id-diretturi tas-socjeta' attrici saru jafu illi infethet Inkjesta *in konnessjoni* ma' dawn id-DVDs;

4. Il-punt frontali u centrali ta' l-esponenti huwa illi d-*Digital Versatile Discs* (DVDs) *in kwistjoni* huma inkontestabilment originali, legittimi, regolarment importati, ma jikkomportaw ebda vjolazzjoni ta' Ligi u li fuqhom thallsu r-*royalties*; ma hemm ebda element ta' piraterija illi jikkonsisti fl-ikkupjar illegali u ghall-qligh tal-materjal *copyrighted*, ghaliex dawn huma originali;

5. Id-dirigenti tas-socjeta' attrici fehmu minn diskors illi ntqal lilhom illi l-Pulizija investigaw u zommu *a bazi* ta' allegazzjoni illi dawn id-DVDs huma licenzjati u klassifikati ghal regjun ta' Amerika u l-Amerika tan-Nord, (*Region 1*) filwaqt illi hemm DVDs mahruga ghal regjun ta' l-Ewropa (*Region 2*); illi din hija kwistjoni totalment irrelevanti ghall-finijiet ta' investigazzjoni ghaliex dawn *se mai* huma relatati ghal *distributorship licence agreements* interni illi l-*licence holders* jew ir-*rights holders* jistghu jilhqu mad-distributuri taghhom ghall-finijiet tal-kummercjalizzazzjoni tal-prodott; jibqa' l-fatt illi l-prodott huwa legittimu, originali u li fuqu thallsu r-*royalties*: illi li donnu ma fehemx l-konvenut huwa illi ma hemm ebda att ta' pirateria ta' ikkupjar; f'ebda mument ma tinvolvi prodotti illegali, pirata, kkupjat u mibjugh bil-qerq u affarijiet ohra li jmorru kontra l-Ligi u l-ordni pubbliku;

6. Fattur iehor fondamentali huwa illi s-socjeta' attrici kienet kostretta minhabba kondizzjonijiet tas-suq illi timporta DVDs tar-regjun ta' l-Amerika tan-Nord minhabba l-fatt illi l-kompetituri taghha kollha jimpurtaw u jinnegozjaw DVDs tar-regjun Amerikan izda l-investigazzjoni u l-elevazzjoni saret biss fil-konfront taghha: dan ifisser illi l-hwienet kollha ohra f'Malta u Ghawdex qeghdin bhalissa jbieghu bil-miftuh DVDs tar-

regjun ta' l-Amerika u l-unika stokk mizmum huwa dak tal-hwienet Exotique gestit *inter alia* mis-socjeta' attrici;

7. Dan kollu qed jirreka danni kbar lis-socjeta' attrici: l-ewwelnett ghaliex kif inhu maghruf, jekk jinxtara jew jinkera DVD, dan normalment isir darba u x-xiri u kiri la darba jintilef, jintilef ghal dejjem; apparti dan, hemm riskju car ghaliha li titlef il-klijenti li la darba ma jinqdewx mill-hwienet taghha u jinqdew minn haddiehor – b'hekk klijentela tintilef irrevokabilment; bizzejjed jinghad illi infethet fiera tal-prodotti elettronici fejn hadet sehem is-socjeta' attrici u fejn is-soltu tbiegh id-DVDs u din id-darba DVD's ma bieghettx;

8. Minhabba l-elevazzjonijiet, is-socjeta' attrici kellha u ghad ghandha biza' gustifikat milli terga' ggib stokk gdid ghaliex dan – *ad* eskluzjoni tal-hwienet l-ohra kollha – jista' facilment jissubixxi l-istess ezitu ta' elevazzjoni;

9. Apparti dan kollu, il-fatt illi gew elevati minghajr gustifikazzjoni fil-Ligi id-DVD's *"de quo"*, ikkawza danni kummercjali kbar lil socjeta' illi tul l-operazzjoni kummercjali taghha dejjem ikkummercjat prodott originali, legali, regolarment importat u apparti dan dejjem kienet fl-avangwardja tal-kampanja u azzjoni kontra il-prodott illegittimmu jew il-prodotti ta' piraterija; illi dan kollu qed jirreka danni kbar s-socjeta' attrici fis-sens illi qed jesponi l-kredibilita' kummercjali taghha fis-suq ghal dubbji serji minn dawk il-klijenti u konsumaturi illi tul is-snin dejjem afdaw u emmnu illi l-prodotti kummercjali mis-socjeta' istanti kienu legittimi;

10. Is-socjeta' istanti ippruvat titlob ir-rilaxx ta' dawn id-DVD's izda inutilment u s-socjeta' attrici interpellat permezz ta' Protest tat-18 ta' Ottubru, 2001 lill-konvenut *a tenur* ta' l-artikolu 460 tal-Kodici ta' Procedura Civili bl-intenzjoni taghha illi jittiehdu l-proceduri;

11. Id-danni kollha li qed issofri s-socjeta' attrici huma konsegwenza ta' l-agir illegali tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li abuzivament u illegalment qabad u eleva d-DVSs u inizja process fejn dawn inzammu maqbuda.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir tieghu ikkawza danni lis-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni kkawzati mill-konvenut lis-socjeta' attrici;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extragudizzjarji, bl-imghax min-notifika tal-Protest u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-Ligi;

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok l-eccipjent mhux legittimu kontradittur *in kwantu* l-elevazzjoni tal-prodotti audiovizivi *in kwistjoni* ma saritx fuq decizjoni tieghu jew ta' xi subaltern tieghu izda saret fuq l-ordni tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera bhala parti minn Inkjesta Magisterjali illi fiha l-Pulizija **kienet ordnata** minnha biex tassistiha wara li rceviet kwerela, *tramite* l-ghassa tal-Belt, iffirmata mill-Avukat Joe Giglio.

Sahansitra l-istess Magistrat fil-process-verbal taghha ppuntwalizzat li kien cemplilha l-Kummissarju tal-Pulizija u informha li **ma kienx hemm lok** ta' inkjesta u dan ghad-diversi ragunijiet hemm imsemmija. Il-Magistrat madankollu insistiet li kellha ssir l-elevazzjoni tad-DVD's *in kwistjoni*.

Ghalhekk iregi l-principju *nemo tenetur ad impossibilia* billi l-eccipjent kien rinfaccjat b'din l-ordni tal-Qorti u kien jigi espost ghall-mizuri kollha ta' disprezz li kieku ghazel li ma jikkooperax mal-Magistrat fl-inkjesta.

*Inoltre* iregi l-principju legali iehor *actio curiae neminem gravabit* u ghalhekk ma tistax issa tigi l-attrici tghid, ta' lanqas f'azzjoni bhal din intentata minnha, li minhabba l-agir u d-decizjoni ta' Magistrat li tmexxi l-inkjesta l-eccipjent ghandu jkun passibbli ghad-danni.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ic-citazzjoni attrici hija inammissibbli *in kwantu* qed issir talba ghall-hlas tad-danni minghajr l-ewwel ma ntalab li din il-Qorti tisharreg l-eghmil amministrattiv ta' l-eccipjent biex b'hekk tannulla l-istess eghmil u, skond it-tezi ta' l-attrici, issib li l-eccipjent agixxa *in mala fede* u ghalhekk ghandu jkun suggett ghad-danni (artikolu 469A (5) Kap 12).

Fir-relazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici l-eccipjent ma kienx qed jagixxi bhala cittadin privat u ghalhekk suggett ghall-*culpa aquiliana sic et simpliciter* (bhal per ezempju meta ssir kollizjoni ma' vettura tal-Gvern), izda kien qed jagixxi fuq ordni ta' Magistrat. B'hekk fl-ahjar ipotezi u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tieghu, l-eccipjent kien qed jagixxi unikament fil-vesti ufficjali tieghu liema azzjoni tista' taht l-ordinament guridiku Malti tigi impunjata biss fuq il-bazi ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12.

L-azzjoni tas-socjeta' attrici hija monka ghaliex ma ppremettietx u lanqas talbet li jigi dikjarat li l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija kien vjolattiv ta' wiehed mill-kapijiet ta' l-*ultra vires* enuncjat fl-artikolu 469A msemmi.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti hemm karenza ta' interess guridiku tas-socjeta' attrici li tippromwovi din il-kawza billi hija hadet lura l-oggetti kollha elevati mill-Qorti.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjent ma kkawza l-ebda dannu lis-socjeta'.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li, fuq ordni tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, li fethet inkjesta fuq allegazzjoni li mill-hwienet tas-socjeta' attrici kienu qed jinbieghu *Digital Versatile Discs* (DVDs) foloz, il-Kummissarju tal-Pulizija ghamel *raids* fid-diversi hwienet li ghandha s-socjeta' attrici, u eleva diversi DVDs (madwar 1500) ghall-ezami forensiku taghhom. Is-socjeta' attrici tghid li hi qatt ma innegozjat f'materjal foloz, u r-*raids* li saru mill-Pulizija, u l-mod li dawn gew ezegwiti, telfu r-reputazzjoni taghha u wassal ghal-telf fin-negozju.

Ghalkemm *da parti* tal-konvenut ma tressqux provi, mid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, li tista' u ghandha titqies bhala prova, kif ukoll minn qari tal-process esebit, jirrizulta car li wara li l-Pulizija mid-distrett tal-Belt ircewew kwerela li fil-hwienet tas-socjeta' attrici kienu qed jinbieghu DVDs foloz, giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Scerri Herrera, li ddecidiet tiftah inkjesta fuq il-kaz. Il-konvenut gie ordnat mill-Magistrat Inkwirenti biex minnufih jaccedi fil-hwienet tas-socjeta' attrici u jeleva diversi DVDs ghall-kontrolli forensici. Il-konvenut ipprova jigbed l-attenzjoni tal-Magistrat Inkwerenti li ma kienx hemm htiega li jsiru r-*raids*, izda kellu ordni li jagixxi b'dak il-mod u, allura, kellu jesegwixxi l-ordnijiet tal-Magistrat Inkwerenti. Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax ticcensura lill-konvenut ghall-investigazzjoni li ghamel, peress li tali investigazzjoni ma gietx provokata minnu, izda saret fuq ordni tal-Magistrat Inkwerenti. Il-konvenut, darba li kellu

tali ordni, ma setghax jaghmel mod iehor, u kellu bil-fors isegwi l-ordnijiet ikkomunikati lilu mill-Magistrat Inkwerenti. Fil-fatt, skond l-artikolu 554 tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat li tkun qed tmexxi inkjesta tista' tordna l-arrest tal-persuni li tkun qed tinvestiga, u l-elevazzjoni ta' kull tip ta' oggett li jidhrilha huwa mehtieg ghall-investigazzjoni taghha, u hija l-Pulizija Ezekuttiva li ghandha tesegwixxi dawn l-ordnijiet. Il-fatt li, skond is-socjeta' attrici, din l-investigazzjoni ma kienetx necessarja, peress li hi qatt ma stokjat materjal foloz, u kienet anke vendikattiva (peress li d-direttrici tas-socjeta' attrici, s-Sinjura Grace Borg, gieli tikkumenta kontra l-importazzjoni ta' DVDs foloz u hi mahsuba li tinstiga wkoll proceduri krminali kontra min jimporta u jispacca dawn l-oggetti), mhux rilevanti ghal dan il-kaz. Id-diskrezzjoni tal-Magistrat li tiftah inkjesta, mhux qed jigi sindikat f'dawn il-proceduri, u darba li, bhala fatt, infethet inkjesta u l-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat jassisti fl-investigazzjoni, l-istess Kummissarju kellu jsegwi l-ordnijiet lilu moghtija. *Kwindi*, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jinstab responsabbli ghall-agir tieghu peress li hu kien qed isegwi ordnijiet legittimiti moghtija lilu minn Magistrat tal-Qrati ta' Malta.

Is-socjeta' attrici tilmenta wkoll dwar il-mod ta' kif gew kondotti r-*raids*. Ghal dan, jekk saret xi haga irregolari, ma jista jirrispondi hadd hlief il-Kummissarju tal-Pulizija li hu responsabbli ghall-agir tal-ufficcjali tieghu (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza "Grech vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 1988). Il-Qorti wara li ezaminat ir-rakkont ta' x'gara mid-direttrici tas-socjeta' attrici, tara li ghalkemm il-Pulizija setghet mexxiet ir-*raid* b'mod ahjar u b'anqas inkonvenjent ghas-socjeta' attrici, ma jidhirlix li l-agir tal-Pulizija huwa tant gravi li ghandu jwassal ghal-akkoljiment ta' xi danni. Il-Qorti ma tarax ghalfejn, per ezempju, il-hwienet tas-socjeta' attrici gew okkupati mill-Pulizija minn wara nofs inhar tal-1 ta' Ottubru, 2001, izda l-ufficcjali inkarigati mill-elevazzjoni waslu ghal dan il-ghan wara nofs il-lejl! Tul dak il-hin kollu, il-hwienet gew sekwestrati, il-haddiema ma thallewx imorru lejn id-dar (hlief tard fil-ghaxija) u d-direttrici tal-kumpanija lanqas thalliet tidhol fl-ufficcju taghha. Dan kollu setgha jigi evitat kieku kien

hemm koordinazzjoni ahjar bejn id-diversi ufficcjali tal-Pulizija. Fil-kuntest, *pero'*, tal-kamp civili, fejn biex persuna tkun responsabbli ghad-danni, irid jirrizulta inkompetenza jew negligenza, dan, f'dan il-kaz, ma jirrizultax.

Il-Qorti mhux se tikkumenta fuq il-fatt li gew elevati diversi DVDs jew fuq il-fatt li d-direttrici, s-Sinjura Grace Borg, giet imsejha darbtejn biex tigi interrogata mill-Magistrat Inkwerenti, u dan peress li l-elevazzjoni, kif intwera, saret wara ordni legittima tal-Magistrat, li kellha l-poter tohrog tali ordni u tinterroga l-persuna li kienet suspettata b'reat. Il-fatt ukoll li ma rrizulta ebda reat (peress li ma nstabux DVDs foloz, la fil-hwienet tas-socjeta' attrici, u lanqas fl-imhazen taghha), lanqas ma jaghti lok ghar-responsabilita' ghad-danni la darba dan kollu sar fil-kors ta' investigazzjoni legittima *da parti* tal-Pulizija.

Dak li sehh f'dan il-kaz, sehh skond il-ligi, giet segwita l-procedura rikjesta, u ma jidhirx li gew miksura xi dettami legali. Kif inghad, il-Pulizija kellha dmir u setghet tagixxi ahjar fil-kontront tas-socjeta' attrici, *pero'*, ghal-fini ta' dawn il-proceduri, ma saretx prova ta' xi inkompetenza jew negligenza, u kien dmir tas-socjeta' attrici li taghmel tali prova.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-registru jithallas mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------